Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli

National Commission for Sustainable Development



# Lejn Strateġija
## għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Gżejjer Maltin

Informazzjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli
biex tinforma lill-pubbliku waqt
il-proċess konsultattiv u parteċipattiv
bil-għan li titfassal strateġija
għall-iżvilupp sostenibbli tal-Gżejjer Maltin

bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent



## Il-Kummissjoni Nazzjonali

L-iskop ta' l-iżvilupp sostenibbi hu li titjieb il-kwalità tal-hajja taghna u tal-ġenerazzjonijiet li ghad iridu jiġu. Żvilupp sostenibbli, ghalhekk, ghandu dimensjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi. Żieda fl-attività ekonomika biss mhux bilfors twassal ghal żvilupp sostenibbli, speċjalment jekk din ikollha impatt ambjentali u soċjali negattiv.

Il-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Iżvilupp Sostenibbli twaqqfet biex iżżid l-gharfien tal-htieġa li l-iżvilupp ghandu jkun sostenibbli, biex pajjiżna jimxi 'l quddiem f'kull qasam, minghajr ma jippreġudika l-livell ta' l-ghixien ta' wliedna w ulied uliedna.

Il-Kummissjoni, li hija preseduta mill-Prim Ministru, ghandha bhala membri rappreżentanti ta' l-entitajiet governattivi, ċivili u ghaqdiet mhux governattivi minn oqsma differenti tas-soċjetà Maltija. Il-Kummissjoni tinkuraġġixxi u tistimula prattika xierqa fl-użu u l-imaniġġjar ta' riżorsi naturali.

Funzjoni ewlenija tal-Kummissjoni hi li tniedi proċess biex titfassal Strateġija Nazzjonali ghall-Iżvilupp Sostenibbli.

## Bżonn ta' direzzjoni

L-istrateġija ghall-iżvilupp sostenibbli taghti direzzjoni dwar x'ghandu jsir fl-oqsma soċjali, ambjentali u ekonomiċi biex ikun żgurat li l-iżvilupp tal-pajjiż ma jtellifx il-kwalità tal-hajja taghna u ta' dawk li se jiġu warajna. Il-qafas ewlieni ta' l-Istrateġija ghandu jkun marbut ma' pjan li qablu mieghu l-pajjiżi kollha tad-dinja, maghruf bhala 'Agenda 21'. Din l-aġenda kienet tfasslet mill-Konferenza Dinjija dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp li saret f'Rio de Janeiro fl-1992.

Strateġija ghall-Iżvilupp Sostenibbli titlob parteċipazzjoni minn kull wiehed u wahda minna, ghaliex kulhadd qieghed fl-istess dghajsa, u kulhadd irid iġorr ir-risponsabbiltà sabiex titjieb il-kwalità tal-hajja u l-ambjent li nghixu fih.

## L-Ambjent

Biex l-iżvilupp ikun sostenibbli, irid jirrispetta l-kwalità ta' l-ambjent li nghixu fih. Jekk naqilghu aktar flus u nsibu aktar xoghol, iżda fl-istess waqt nixorbu ilma kkontaminat, indahhlu arja mniġġsa f'imnifsejna, jew nghumu f'ibhra mahmuġin, inkunu morna lura u mhux 'il quddiem. L-istess, ma nistghux insejhu bidliet teknoloġiċi bhala progress, jekk minhabba fihom jitkattru ir-riskji ta' inċidenti ambjentali.

Jehtieġ li nharsu l-kwalità ta' l-ambjent taghna, mhux ghalina biss, iżda ghall-istess sistemi ekoloġiċi u naturali li fuqhom tiddependi l-hajja fuq wiċċ din il-pjaneta. Ix-xibka tal-hlejjaq hi minsuġa b'tali mod li kull impatt u kull dannu jista' jinfirex fuq il-holqien kollu. Żvilupp sostenibbli jitlob li jkun żgurat li kull hlejqa tghix f'ambjent tajjeb li hi adatta ghalih.

F'Malta, minhabba hafna raġunijiet, fosthom iċ-ċokon tal-gżejjer taghna, id-densità gholja tal-popolazzjoni, stil ta' hajja mibni fuq il-konsum, nuqqas ta' nfurzar tal-liġijiet, u kundizzjonijiet ohra, jeżistu problemi kbar fil-kwalità ta' l-ambjent naturali. X'inhuma dawn il-problemi? Kemm lesti niddedikaw riżorsi nazzjonali sabiex ninvestigawhom? Imbaghad x'lesti naghmlu dwarhom?

**Biex l-iżvilupp ikun sostenibbli, irid jirrispetta l-kwalità ta' l-ambjent li nghixu fih.**





Jeħtieġ li jkun hemm ekwità bejn il-ġenerazzjonijiet, jiġifieri li dak li jsir fil-preżent m'għandux jaffettwa ħażin il-kwalità tal-ħajja ta' dawk li se jiġu warajna.

## L-Ekonomija

Ħafna mill-attività ekonomika f'pajjiżna, l-aktar fis-setturi tal-biedja, tal-kostruzzjoni u tat-turiżmu, twassal għal degradazzjoni ta' l-ambjent. Dan iwassal sabiex fl-aħħar mill-aħħar jkun ipperikolat l-istess żvilupp ekonomiku. Is-settur tal-manifattura wkoll għandu effett fuq l-ambjent, l-aktar minħabba l-ħruġ ta' dħaħen u r-rimi ta' skart industrijali. Żvilupp sostenibbli jitlob li jitnaqqsu impatti negattivi bħal dawn.

Biex l-ekonomija ta' pajjiżna tkun sostenibbli u jonqsu l-impatti negattivi, jeħtieġ li jkun hemm titjib fl-effiċjenza. B'hekk isir użu aħjar mir-riżorsi naturali, speċjalment dawk li ma jiġġeddux. Jeħtieġ ukoll li jsir aktar investiment f'teknoloġija nadifa u li jintużaw sorsi ta' enerġija li jistgħu jiġġeddu.

Ħtieġa oħra hi li ma jsirx ħela fil-konsum, sabiex ikun hemm bilanċ bejn il-provvista u d-domanda għar-riżorsi tal-pajjiż. Barra minn hekk, jeħtieġ ukoll li jonqos il-konsum ta' prodotti li jħallu impatt negattiv fuq l-ambjent, bħalma huma oġġetti tal-plastik u oġġetti tossiċi.

## Is-Soċjetà

Żvilupp sostenibbi għandu jkollu dimensjoni soċjali, mibnija fuq l-ekwità, l-edukazzjoni u l-parteċipazzjoni, bil-għan li titjieb il-kwalità tal-ħajja.

L-ekwità titlob li jsir sforz biex jinqerdu l-faqar u l-inugwaljanzi soċjali. Għal dan il-għan jeħtieġ li tkun aċċettata d-diversità ta' gruppi soċjali fil-komunità, billi niżguraw li ma nwarrbu lill-ebda grupp u billi ngħinu lill-gruppi żvantaġġati (speċjalment in-nisa, it-tfal u ż-żgħażagħ, l-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali). Dan hu meħtieġ sabiex kulħadd iħoss li għandu kontribut x'jagħti u biex ikun hemm aċċessibiltà ta' riżorsi u opportunitajiet għal kulħadd. Jeħtieġ ukoll li jkun hemm ekwità bejn il-ġenerazzjonijiet, jiġifieri li dak li jsir fil-preżent m'għandux jaffettwa ħażin il-kwalità tal-ħajja ta' dawk li se jiġu warajna.

L-edukazzjoni twassal biex jiżdied l-għarfien tal-benefiċċji ta' l-iżvilupp sostenibbli u tiżgura li jkollna l-opportunità li niksbu t-tagħrif, il-ħiliet u l-valuri meħtieġa sabiex inkunu nistgħu nieħdu sehem b'mod attiv u responsabbli f'deċiżjonijiet li għandhom impatt fuq il-kwalità tal-ħajja tal-ġenerazzjonijiet preżenti u dawk futuri.

Il-parteċipazzjoni twassal biex iċ-ċittadini jkollhom sehem attiv fid-deċiżjonijiet li jolqtuhom. Barra li din iżżid il-possibilità li jintlaħaq ftehim dwar x'għandu jsir, twassal ukoll biex iċ-ċittadini jħossu li għandhom rwol importanti fl-iżvilupp tal-pajjiż, u li mhux qegħdin sempliċiment ikunu infurmati b'dak li jkun diġà deċiż. L-opportunitajiet ta' parteċipazzjoni għandhom ikunu offruti sa mill-ewwel fażijiet tat-tfassil ta' strateġija għall-iżvilupp sostenibbli.

## X'Jeħtieġ isir

Hemm bżonn ukoll li jittieħdu miżuri sabiex l-istrateġija għall-iżvilupp sostenibbli tkun implimentata b'suċċess. Għal dan il-għan jeħtieġ li jsir ippjanar integrat, li jqis il-limitazzjonijiet ta' art, il-ħtiġijiet ekonomiċi, l-aspirazzjonijiet

Ħafna mill-attività ekonomika f'pajjiżna, l-aktar fis-setturi tal-biedja, tal-kostruzzjoni u tat-turiżmu, twassal għal degradazzjoni ta' l-ambjent li fl-aħħar mill-aħħar minnu jiddependi l-istess żvilupp ekonomiku.



soċjali u l-impatt ta' dan kollu fuq l-ambjent. Għandhom ukoll ikunu żviluppati proċeduri biex isir monitoraġġ u evalwazzjoni ta' l-iżvulupp u li jittieħdu passi biex tissaħħaħ l-osservanza u l-infurzar tal-liġi.

Fuq kollox hemm bżonn li jsir minn kollox biex il-poplu jħoss li l-istrateġija mhix xi ħaġa tal-Gvern biss, imma taċ-ċittadini kollha. Biex l-istrateġija jkollha appoġġ wiesa' fost il-popolazzjoni, jeħtieġ li titkattar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fl-iżvilupp ta' l-istess strateġija u fit-twettiq tagħha. Dan kollu jitlob għarfien akbar tal-benefiċċji li jinkisbu meta, bħala pajjiż, inħaddnu strateġija għall-iżvilupp sostenibbli.

## Xi fatti

- Id-densità tal-popolazzjoni Maltija hija waħda mill-ogħla fid-dinja. Bħala medja, hawn 1,200 persuna għal kull kilometru kwadru. Dan qed iwassal għall-pressjoni qawwija fuq l-ambjent.
- F'Malta hawn madwar 35,000 propjetà vojta. Dan qed iwassal għall-ħela fl-użu ta' l-art, avolja l-art f'Malta hija skarsa ħafna.
- Hawn madwar 260,000 karozza. Dan qed iwassal għal tniġġiż ta' l-arja, storbju u periklu fit-toroq.
- L-ilma frisk huwa skars ħafna, u l-ilma prodott mill-baħar jiswa ħames darbiet aktar mill-ilma li jiġi mix-xita.
- F'dawn l-aħħar 15 il-sena, madwar 11,000 tomna raba' intilfu biex jiġu żviluppati għall bini.
- F'Malta nipproduċu madwar miljun tunnellata skart mill-industrija tal-kostruzzjoni kull sena.



Laqgħa tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli. Funzjoni ewlenija tal-Kummissjoni hi li tniedi proċess biex titfassal Strateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli.

### Għaliex dan il-fuljett

Dan il-fuljett qed jitqassam biex titkattar l-informazzjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli bħala preparazzjoni għall-proċess konsultattiv u parteċipattiv biex titfassal strateġija għall-iżvilupp sostenibbli tal-Gżejjer Maltin.

Huwa maħsub li l-proċess ikollu għadd ta' fażijiet biex ikun żgurat li l-istrateġija titfassal fuq bażi ta' parteċipazzjoni kemm jista' jkun wiesgħa, biex jinbena konsensus nazzjonali f'dan ir-rigward.